MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Appell Civili Numru. 326/2004/1

**Andrew Spiteri**

**vs**

**Elmo Insurance Agency Limited**
**bhala agenti ta' Royal & Sun Alliance**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Dicembru, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Frar 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm707 (seba` mija u seba` Lira Maltin) dovuti ghal danni kkagunati f'coach.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Il-coach tal-attur kellha short fl-airconditioning u a kawza ta' dan ix-short il-coach soffriet id-danni reklamati fl-ammont ta' seba` mija u seba` liri Maltin (Lm707).

Il-coach tal-attur kienet assikurata mas-socjeta` assikuratrici ghall-hruq.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. It-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-attur qed jippretendi kumpens ghal hsara minn "short" fl-"airconditioning units" tal-vettura assikurata mis-socjeta` konvenuta meta l-poliza ma tassikurax u teskludi kwalsiasi indennizz ghal hsara minn "electrical breakdowns".
2. Ghalhekk ma hemmx indennizz jew danni x'jithallsu lill-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib l-prova tad-danni skond il-ligi u jissoddisfa lit-Tribunal li huwa mmitiga t-telf li allegatament garrab.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-crux tal-kawza jinsab imperjat fuq il-mod kif ghandhu jigi applikat kuntratt ta' assikurazzjoni bejn is-socjeta` assiguratrici u l-assigurat taghha li jixtri assigurazzjoni ghal xi event potenzjali futur. Il-posizzjonijiet reciproci ta' interpretazzjoni gew ampjament sottolineati b'mod l-aktar mod elucidanti fin-noti rispettivi ta' sottomissjonijiet.

Il-punt in ezami gie similarment trattat dwar il-punti basici tal-polza esistenti bejn il-partijiet. Kuntratt ta' assigurazzjoni huwa l-ligi bejn il-partijiet fejn una volta jigi ffirmata in buona fede, ghandhu jigi onorat in uberrima fede.

Illi di fatti, is-societa konvenuta qed tesigi l-applikazzjoni tal-kuntratt li wara kollox huwa aleatorju bejniethom – ad

litteram. Hekk gie deciz fil-kawza fl-ismijiet "Carmen Camilleri vs Middlesea Ins plc" deciza fl-Appell Inferjuri fil-4 ta' Mejju 2005 u Joseph Busuttil vs Middlesea Ins plc u deciza fil-20 ta' Mejju 2005 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi l-esperti ex parte rispettivi tal-partijiet jaqblu li l-hruq kien kagun ta' short circuit. Dan il-hruq pero` ma ghandhux jiftiehem bhala hruq fis-sens ordinarju ta' oggett li jaqbad u jigi distrutt. Dan it-tip kien ikun kopert bil-polza ta' assikurazzjoni. Dana huma anki ammess mis-socjeta` konvenuta ai termini tal-ittra minnha mibghuta lill-attur datata 3 ta' Novembru 2003. Ghall-attur, fl-aghar ipotezi, kien ikun ahjar ghalih li t-trakk inqered ghax biex ikun kopert u jithallas! Inoltre ma jistax ma jigix kummentat il-gest tal-istess socjeta` konvenuta li in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u bhala klijent ta' certu sustanza, offriet pagament ex gratia ta' 50%. It-Tribunal ma jistax tinforza din l-offerta aktar u aktar billi kif indikat fl-istess ittra, ma tikkosititiwx xi assunzjoni kontrattwali u minghajr pregudizzju.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa` l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jichad it-talbiet attrici u kif gia nghad in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravji f' dawn it-termini:-

(1) L-eccezzjoni addizzjonali li taghmel il-klawsola 15 tal-Policy Supplement ghar-riskju assigurat ma ssemmix il-hruq li jista' jinqala' minn "*mechanical or electrical breakdown or failures*". Li jfisser allura, skond l-appellanti, illi jekk minhabba *short circuit* avvera ruhu incendju jigi li l-hsara subita fil-*coach* assigurata kienet "*as a direct result of fire*" fil-parametri tal-polza;

(2) It-Tribunal naqas li jiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni skjaccanti da parte tas-socjeta` assiguratrici konvenuta fl-ittra taghha tat-3 ta' Novembru 2003 (fol. 32);

Ma tezisti ebda kwestjoni illi kuntratt ta' assigurazzjoni ghandu b' elementi tieghu li hu konsenswali, alejatorju, oneruz, bi prestazzjonijiet korrispettivi u normalment ghall-zmien. Ghall-precizazzjoni, kif jinsab definit fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni (Kapitolu 290), kuntratt ta' assigurazzjoni "tfisser ftehim fejn parti tinftiehem, b' korrispettiv, li thallas lil jew akkont ta' parti ohra jew lil beneficjarji, somma ta' flus jew hlas iehor, sew jekk bhala indennizz kontra telf, hsara jew danni jew xort' ohra, meta tigri grajja specifikata li dwarha jkun hemm element ta' incertezza dwar meta ser jigri jew jekk tigrix";

Jikkonsegwi illi r-riskju hu l-oggett tal-kuntratt ossija l-presuppost tal-validita` tieghu u jikkonsisti fil-possibilita` ta' xi event, ekonomikament sfavorevoli ghall-assigurat u estraneju ghall-volonta` tieghu. Hu s' intendi mill-verifika tieghu li jidderivi l-obbligu fl-assigurazzjoni li thallas l-indennita`. Dan hu effettivament il-principju indennitorju ta' l-assigurazzjoni li tippreciza d-definizzjoni fuq espressa;

Issa huwa komunement accettat illi poloz ta' assigurazzjoni jikkontjenu eskluzjonijiet ta' xi event ta' kopertura assikurativa. Hekk, ad ezempju, fil-kaz in ispecje jinsab denotat fil-Policy Supplement illi l-polza ma tkoprix "*loss of use, depreciation, wear and tear, mechanical or electrical breakdowns or failures*" (klawsola 15). Klawsoli ta' din ix-xorta ma jikkostitwux limitazzjoni tar-responsabilita` imma delimitazzjoni ta' l-oggett tal-kuntratt, ossija tar-riskju assigurat;

Premessa din l-introduzzjoni, is-soluzzjoni tal-vertenza mqeghda ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti tiddependi mill-interpretazzjoni li jrid jinghad lill-kliem tal-polza - kompitu dan minn dejjem difficli f' materja ta' interpretazzjoni tal-kuntratti, kompriz wiehed ta' assigurazzjoni. Dan, anke ghaliex, kif ritenut, "*the interpretation of words in an insurance contract is a judicial task no different in principle than the interpretation of any other contract.*" - "**Liverpool and London and Globle Ins. -vs- Canadian General**

**Electric Comp. Ltd**”, Qorti Suprema tal-Kanada, 1981, 1 S.C.R. 600, li sunt taghha hu riportat fil-Lloyd’s Maritime & Commercial Quarterly, February 1983;

Minn dak li jemergi mis-sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti fl-iskritturi ta’ l-appell insibu zewg interpretazzjonijiet. Dik cjoe ta’ l-appellanti illi bl-“*excepted peril*” b’ kollox stabblita fi klawsola 15, l-event kien “*as a direct result of fire*” ghal-liema allura tirrispondi l-polza. Kontra din hemm l-interpretazzjoni provvduta mis-socjeta` appellata u minnha bazata fuq il-kuncett tal-“kawza prossima” fis-sens illi n-nar kien l-effett ta’ *short-circuit* u gjaladarba dan jirrientra fl-“*electrical breakdown or failure*” li ssemmi l-klawsola 15 suddetta l-event dannuz ma kellu ebda kopertura. Hu kompitu ta’ din il-Qorti li tezamina u tassikura liema bejn dawn iz-zewg interpretazzjonijiet hi l-izjed konsistenti *in subjecta marteria* skond il-kanoni maghrufa ta’ l-ermenewtika kontrattwali dettati fil-Kodici Civili (Artikolu 1002 sa Artikolu 1011), senjatament is-sens litterali tal-kliem jew dik l-izjed attinenti ghal presumibbli volonta` tal-partijiet;

Qabel xejn, jidher li hemm konkordanza bejn il-kontendenti illi l-hsara inbdiet minn *short-circuit* li zviluppat fi hruq fil-*wiring* u fil-fannijiet ta’ l-*air conditioning* installat fil-*coach*. Ara *survey report* fol 2, ix-xhieda tat-*technician* Orazio Spiteri (fol. 40) prodott mill-attur u d-deposizzjoni tas-*surveyor* Charles Cauchi (fol. 49) migjub mis-socjeta` konvenuta. Dan ta’ l-ahhar fil-fatt jispjega illi x-*short circuit* sehh billi kien hemm “*over current*” fil-muturi ta’ l-*air condition* u per konsegwenza dawn inharqu;

Premess dan il-fatt pacifiku, l-*iter* interpretativ li jsegwi ghandu b’ necessita guridika jippresta attenzjoni lic-cirkostanzi kollha involuti. M’ hemmx dubju illi rigwardat izolatament mill-portata tal-klawsola 15 id-dannu avverat kien il-konsegwenza ta’ hruq. Jibqa’ rilevanti illi jigi determinat jekk id-dannu kienx ukoll ir-rizultat dirett tal-hruq jew il-konsegwenza ta’ xi kawza ohra li mbaghad tat

lok ghall-hruq. Dan ghaliex, kif saput, kull dannu jew telf irid ikun attribwit ghal xi kawza diretta u attwali;

Jinsab spjegat mid-duttrina Ingliza fuq is-suggett illi, "*No question can arise when one cause only has come into operation. Discussion only ensues when there are two or more possible causes. Often it may appear that one of the earlier events is the dominant cause in producing the damage. It may be the 'causa sine qua non', while the actual 'causa causans' may seem to be comparatively insignificant. In order therefore that the liability of the parties, in relation to the question whether the loss has been caused by any one of the perils insured against, may be ascertained and settled with some degree of certainty, the rule applied is '<u>causa prossima non remota spectatur</u>.*" - **Hardy-Ivamy** "**Marine Insurance**", Second Edition, 1974, page 252; **Ivamy** "**Fire and Motor Insurance**", Second Edition, 1973 pp 144 - 151;

Jissokta jinghad bi spjega tal-principju illi, "*the risks insured against must be the 'operative', 'dominant' or 'effective' cause of the insured's loss, damage or injury ("**W. J. Lane -vs- Spratt**" - 1970, 2QB 480). This does not mean however that in order to be the proximate cause of a loss the risk should be the sole or the last cause of such a loss ("**Yorkshire Dale SS co -vs- Minister of War Transport**" - 1942, AC 691). It also does not recognise that the risk insured against should be the actual instrument of the loss. Hence where an aircraft is destroyed in an explosion caused by fire, the proximate cause of the loss is nevertheless fire*" - **Margo** "**Aviation Insurance**" (1980, pagna 207);

Ghall-illustrazzjoni ta' dan kollu wiehed jista' jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet "**John Azzopardi *nomine* -vs- Capt. Arturo Zammit Cutajar *nomine***", Appell Kummercjali, 20 ta' Novembru 1925 trattasi ta' assigurazzjoni marittima ta' spedizzjoni ta' basal minn Malta ghal Genoa. L-ewwel Qorti kienet irriteniet illi d-deterjorazzjoni fil-kariku kienet dovuta ghall-vizzju inerenti tal-partita. Ma' dan il-Qorti ta'

l-Appell ma qabletx u invece ddeterminat illi l-kawza prossima ma kienetx id-deterjorazzjoni tal-basal minhabba “*inherent vice*”, eskluz mill-kopertura, imma minhabba hsarat fil-makni tal-vapur li geghlitu jiddevja mill-kors tieghu. Fiha ntqal dan: “*L’ assicuratore è esonerato quando il vizio proprio della merce fosse la* <u>*causa diretta*</u> *della perdita, e non quando esso non avrebbe cagionato la deteriorazione ove non fosse sopraggunto il prolungamento del viaggio dovuto a cambiamento forzato di esso. Il vizio proprio della merce deve costituire causa unica ed esclusiva determinante del danno; se invece fu concausa concomitante col caso fortuito o di forza maggiore l’ assicuratore deve rispondere*”;

Tradott dan kollu ghall-fattispeci tal-kaz in ezami jidher li l-kawza prossima efficjenti u dominanti li gabet il-hruq, u allura wkoll id-dannu, kien, ghal fini u effetti kollha, ix-*short circuit* fis-sistema ta’ l-*air condition* installata. Li jfisser allura illi “*if fire is the natural consequence of an excepted peril the excepted peril is the proximate cause of the loss resulting from the fire and the insured cannot recover*” (“**Holder -vs- Phoenix Assurance Co of London**”, 1912, 31NZLR 257);

Id-dicitura tal-polza hi sufficcjentement cara u, fil-hsieb tal-Qorti, ma jistax ikollha sinjifikat iehor ghajr dak li l-kliem taghha jfisser. Dan b’ riferenza ghall-*excepted peril* kontenuta fi klawsola 15 u hekk konsiderata fil-kumpless tal-kuntratt ta’ l-assigurazzjoni f’ dan il-kaz. Huwa minn din l-ottika li l-kliem espressi u espliciti taghha ghandhom jassumu s-sens l-izjed verosimili ghad-duttrina rivisitata fir-rigward tal-kawza prossima;

L-appellanti ma jistax imbaghad jirrikava suffragju ghat-tezi tieghu mill-kontenut ta’ l-ittra mibghuta mis-socjeta` appellata u li fuqha jimpernja t-tieni aggravju tieghu. Dan ghar-raguni illi, apparti li dik l-ittra ntbaghtet bla pregudizzju, l-appellanti kellu minnha ndikazzjoni cara ta’ kif kienet is-socjeta` konvenuta qed thares lejn il-

kwestjoni. Fiha di fatti jinghad testwalment illi "*as we had verbally explained, this incident is not covered under the terms of the policy*". Il-kliem li jsegwi fiha ma jistax jittiehed 'il barra minn dan il-kuntest. Dan ghaliex kif ampjament trattat il-kawza prossima ma kienx in-nar li ddanneggja l-*coach* imma dan kien, jekk hemm bzonn jigi ripetut, il-konsegwenza naturali tal-fatt ta' l-"*electrical breakdown or failure*".

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Similment kif deciz mit-Tribunal l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------